MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 111/2014

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

Vs

Peter Mamo

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Peter Mamo, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 229556M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fis-6 ta' Dicembru, 2010, ghall-habta tat-07:45hrs fi Triq Ghajn Dwieli, Paola waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MAM020:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, kkaguna

griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' John Pisani skond ma ccertifika Dr. Krystle Blair Theuma M.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fl-10 ta' Marzu, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 30, 225(1), 226(1) u 328(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Peter Mamo hati skond l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' seba' mitt Ewro (€700), kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien xahrejn li jibdew jghoddu minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Peter Mamo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tirrevoka, thassar, tvarja u tannulla s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistratti (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi tiddikjara lir-rikorrenti ma kienx hati tal-akkuzi migjuba kontrih u b'dal-mod tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni u piena.

Bla pregudizzju ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija, f'kaz li din il-Qorti ssib xi htija fl-esponenti, hi mitluba li taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti messha lliberat lill-appellant mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Wara li ghamlet analzi dwar il-fatti n generali l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex tanalizza l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat, ikun opportun li l-ewwel il-Qorti taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward l-incident stradali *per se.*
>
> Illi l-Qorti tinnota li jezistu diversi divergenzi bejn id-depozizzjoni moghtija mill-parti leza John Pisani u dik moghtija mill-imputat. Jirrizulta li l-vettura u l-mutur in kwistjoni kienu qed jigu misjuqa fl-istess direzzjoni: fit-telgha ta' Ghajn Dwieli, li minn Bormla taghti ghal Rahal Gdid. Jirrizulta wkoll li kien hemm traffiku mixi bil-mod. Ta' min jinnota

li fejn sehh l-incident, hemm zewg karreggjati: wahda li tiehdok lejn Rahal Gdid u ohra li tiehdok lejn Bormla. Fiz-zewg gnub tat-triq hemm post fejn jipparkeggjaw il-vetturi.

Illi dak li ma jaqblux fuqu l-parti leza u l-imputat huwa s-segwenti: filwaqt li l-parte leza jghid li kien qed isuq wara l-vettura li kien hemm quddiemu u li l-imputat gie minn warajh minn wara l-lemin tieghu, b'tali mod li dan mar fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq u sehh l-incident wara li l-imputat dahal fih b'mod angolat, l-imputat jghid li peress li kienet sahnitlu l-magna tal-vettura u ddecieda li jipparkeggja l-vettura tieghu fuq in-naha tax-xellug tat-triq, malli hu kiser lejn ix-xellug, sehh l-incident. Filwaqt li l-parti leza jichad li hu mar jaqla' lill-imputat minn gewwa, l-imputat jichad li huwa mar fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq.

Illi, fir-rigward tal-hsarat kagunati fil-mutur u fil-vettura, John Pisani jishaq li filwaqt li kellu hsara bl-impatt fuq in-naha tal-lemin f'nofs il-mutur, fejn ipoggi saqajh, jghid li kellu wkoll hsara, *ossia* brix, fuq in-naha tax-xellug tal-mutur, meta dan gie mal-art.

Da parte tieghu, l-imputat jghid li l-hsara fil-vettura tieghu kienet fil-*mudguard* biss. Fir-rigward tal-hsara li tidher fil-*bumper* jghid li din m'ghandha x'taqsam xejn mal-incident mertu ta' din il-kawza u dana peress li din il-hsara giet kagunata minn incident precedenti.

Illi mir-ritratti ezebiti u mmarkati b'numri "3" u "5" (*a fol.* 14) u kif ukoll mi-rapport mediku rilaxxat minn Dr. Massimo Abela (Dok. "JP 1" – *a fol.* 76 *et seq.*)[1], il-Qorti jirrizultalha li l-impatt fuq il-parti leza kien di fatti fejn effettivament il-part leza jghid li kien, u cioé fuq il-*footrest* tal-lemin u dan *stante* li l-griehi sofferi minnu huma f'saqajh tal-lemin.

[1] Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 73), id-difiza ddikjarat li ma kienx hemm kontestazzjoni da parti taghha rigward: (a) il-veracita' ta' dan id-dokument, u (b) dak li xehed John Pisani fl-istess seduta fis-sens illi d-data indikata fir-raba' pagna ta' Dok. "JP 1" (cioé 6 ta' Dicembru 2011) hija wahda skorretta u dan ghar-raguni li hemm qbil li l-incident stradali in kwistjoni sehh fis-6 ta' Dicembru 2010.

Illi minkejja li l-imputat u ibnu jixhdu li l-magna tal-vettura kienet sahnet, ma jirrizultax li l-imputat qal tali fatt meta huwa ta l-verzjoni tieghu lill-Pulizija li kien qed ihejji l-okkorrenza ezatt wara l-akkadut. *Di fatti*, lill-Pulizija, l-imputat qallu biss is-segwenti:

> "Jien kont tiela' t-telgha t'Ghajn Dwieli u harist wara biex nara jekk kienx hemm xi hadd qieghed jaqbizni. Kif qbizt il-*bus stop* gbidt lejn ix-xellug biex nipparkja u dak il-hin qabel ma wasalt fil-*parking spot* hassejt daqqa u ndunajt li mutur kien dahal minn naha tax-xellug ta' quddiem" (*a fol.* 3-4).

Illi, da part tieghu, il-parti leza John Pisani qallu hekk lis-Surgent:

> "Jien kont tielgha t-telgha t'Ghajn Dwieli u kif kont tiela giet karozza u kissret ghal go fija minn wara u spiccajt ma' l-art".

Illi, minn harsa lejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa lis-Surgent ezatt wara l-akkadut, minn fejn gew sofferti l-hsarat fil-vettura u fil-mutur, minn fejn gew kagunati l-griehi sofferti mill-parti leza, minn kif spiccaw il-vettura u l-mutur, u minn dak li xehdu l-parte leza u l-imputat quddiem il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-parti leza jirrizulta li ghandha mis-sewwa u li l-verzjoni tieghu tista' tittiehed bhala kredibbli u bhala wahda veritjiera.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-parti leza John Pisani ta lok sabiex l-incident sehh u li ma kien hemm l-ebda element ta' kontributorjeta' da parte tieghu u b'hekk il-parti leza m'ghandux jigi mghobbi bi htija kontributorja ghalih.

Ghaldaqstant, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh ghaliex filwaqt li l-parti leza Pisani kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu, l-imputat gie minn warajh fuq il-lemin bil-konsegwenza li gara li gara. Ma jirrizultax li l-parti leza prova jaqla' l-

vettura tal-imputat minn gewwa anzi l-Qorti jirrizultalha li l-imputat gie minn wara l-parti leza u ghal xi raguni jew ohra dahal fih b'mod angolat.

Il-Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet legali li jirrigwardaw dak li jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Dwar dawn il-konsiderazzjonijiet u referenza l-appellanti jaqbel in generali izda ma jaqbilx fejn l-Ewwel Onroabbli Qorti akkollat illi t-tort ghal-dan l-incident – bil-konkluzzjoni naturali ta' htija u sejbien ta' htija.

Fil-kuntenst ta' dan kollu huw necessarju u mportanti li ssir riferenza ghall-aktar partijiet saljenti fix-xhieda moghija minn John Pisani u mill-appellanti.

John Pisani qal:

- Li qed isuq wara l-vettura li kien hemm quddiemu;
- Li ghal xi raguni jew ohra l-appellant dahal fih b'mod angolat.
- Li gie mitfugh taht il-mutur u kif dahlet go fih din il-vettura baqa' jitkaxkar biex qabez il-line ta' nofs it-triq: "Indunajt li qabez il-line ta' nofs it-triq ghal meta nizel gol-karozza ttawwal biex jara li l-karozza tieghu qabzet il-line tan-nofs it-triq".
- Li l-vettura ta' quddiemu kienet boghod madwar metru u nofs u li kien ezatt wara n-numru tal-vettura ta' quddiemu.
- Li l-appellant ma laqatx il-vettura ta' quddiemu.

Peter Mamo qal:

- Li kien qed isuq il-vettura fi Triq ta' Ghajn Dwieli minn Bormla sejjer fid-direzzjoni ta' Rahal Gdid.
- Li qabe waqaf irrealiza li kienet sahnitlu l-magna tal-vettura, iddecieda li jigbed lejn il-genb biex jipparkja, hares minn gol-mera tan-nofsu u ma ra lil hadd warajh.
- Li habta u sabta ra wicc ihares lejh mill-genb tat-tieqa.
- "Tal-mutur waqa', jien waqaft wara ftit sekondi, speci ha nghid hekk sakemm irrealizzajt x'gara wkoll.."
- Li r-ritratt a fol 102 et seq juru l-posizzjoni ta' kif spiccaw il-vettura u l-mutur ftit minuti wara l-incident.
- "L-accident gara waqt li jiena kont qed nikser il-gewwa u huwa gej minn naha ta' gewwa ghadad sbrixx minn mieghi u waqa' hekk"

Dawn il-fatti u dijarazjonijiet ta' hawn fuq l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjonjiet li wasslu ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija tal-appellanti.

Illi din il-konkluzjoni hija, bir-rispett kollu dovut, zbaljata u mhux imsejjah fuq il-fatti tal-kaz.

Illi jsiru domandi legittimi li ghandhom iwasslu ghall-konkluzzjoni differenti: jekk, kif qed jghid John Pisani, il-vettura ta' Mamo spiccat b'mod li qabez in-nofs tat-triq kif jista' jkun li fir-ritratt jidher angolat lejn il-parking bay kwazi jmissha?

Jekk huwa minnu li John Pisani kien qed isuq metru u nofs wara l-vettura ta' quddiemu, kif jista' jkun li Mmao ma' laqatx il-vettura ta' quddiem Pisani?

Jekk huwa minnu li John Pisani kien qed isuq wara l-vettura ta' quddiemu u Mamo gibed ghal fuqu mill-lemin – fejn kienet il-vettura ta' Mamo qabel l-incidenti – fl-arja?

Il-fatti juru li hija l-verzjoni ta' Mamo li kienet il-verzjoni kredibbli.

Mhux soltu f'kazijiet bhal dawn li jkun hemm rekord fotografiku tant tajjeb u qawwi. Dawn ir-ritratii jpoggu lil Mamo diehel, kif qal, fil-parking fuq ix-xellug tieghu. Huwa inkoncepibbli li Mamo qabad, ghal xejn b'xejn, u gibed fuq il-mutur ta' Pisani biex jidhol jipparkja. Huwa inkocepibbli ghal raguni wahda semplici daqs kristall – jekk, allura, Mamo kien qed isegwi lil Pisani u qabzu (kif donnu qed jghid Pisani) u gibed fuq Pisani biex jipparkja fuq ix-xellug, ghaliex ghamel hekk?

Li kieku Mamo kien qed isegwi lil Pisani, kull ma kellu jaghmel huwa li jidhol komodament fil-parking fuq ix-xellug tieghu. Semplici!

Dawn id-domandi u risposti ghandhom iwasslu ghal konvinciment li l-verzjoni ta' Mamo kienet il-verzjoni kredibbli.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident stradali illi gara fis-sitta (6) ta' Dicembru tal-elfejn u ghaxra (2010) fil-tmienja nieqes kwart ta' filghodu (7.45 a.m.) fi Triq Ghajn Dwieli, Paola bejn karozza MAM 020 misjuqa mill-appellant Peter Mamo u mutur DBP 785 misjuq minn John Pisani. Irrizulta illi z-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni lejn ir-Rahal il-Gdid. "A tempo vergine" l-appellant qal lis-surgent li kien qieghed jinvestiga dan il-kaz illi mument minnhom hares wara biex jara kienx hemm xi hadd sejjer jaqbzu, imbaghad gibed lejn ix-xellug biex jipparkja izda hass daqqa u induna li l-mutur dahal minn naha tax-xellug ta' quddiem fuq il-vettura tieghu.

Meta xehed quddiem din il-Qorti spjega aktar dettalji u qal li huwa gibed lejn ix-xellug peress illi l-karozza sahnitlu, hares minn gol-mera tan-nofs u ma ra lil hadd warajh izda l-parti leza John Pisani qabzu minn fuq in-naha tax-xellug u b'hekk sar l-

incident peress li dak il-mument kien diehel jipparkja fil-"parking bay". Mistoqsi jekk kellux indicator mixghul l-appellant jghid illi ma kellux ghalfejn juza indicator.

Min-naha l-ohra Pisani jghid illi giet karozza u kisret ghal go fih minn wara. Aktar tard, fil-mori ta' dawn il-proceduri Pisani ta x-xhieda tieghu fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) fejn dan cahad kategorikament illi huwa ipprova jaqla' l-vettura tal-appellant minn fuq gewwa u spicca kif spicca gol-"parking bay" ghaliex proprju qala' dik id-daqqa minghand l-appellant. Konsegwenza ta' dan l-incident il-parti leza John Pisani garrab griehi ta' natura gravi.

L-appellant gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tal-ghaxra (10) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghal multa ta' seba' mitt ewro (€ 700) u ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tieghu ghal zmien xahrejn.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell ghax deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u messu gie illiberat u mhux misjub hati.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali ta' din il-kawza din il-Qorti m'ghandha xejn x'ticcensura fl-argumenti tal-ewwel Qorti. Jidhru li dawn l-aspetti mhumiex lanqas ikkontestati mill-appellant fejn wera l-aderzjoni tieghu ghall-kummenti tal-Qorti fir-rikors tal-appell tieghu a fol 136. Ghalhekk din il-Qorti mhix sejra toqghod taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fuq dan il-punt peress illi ma hemmx kontroversja dwar l-argumenti u decizjoni tal-Qorti mill-aspett legali. Ghal dak li jirrigwarda, però, il-meritu tal-kawza, din il-Qorti ssib hafna x'ticcensura fis-sewqan tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi jekk din il-Qorti tiehu bhala veritiera l-verzjoni moghtija mill-appellant illi kien tiela' t-telgha ta' Ghajn Dwieli, induna li l-karozza sahnitlu u ghalhekk ried jidhol fil-"parking bay" li kien hemm fuq ix-xellug, hares fil-mera biex jara jekk hux se jigi sorpassat minn vetturi ohra, imbaghad gibed lejn ix-xellug u baqa' diehel fuq il-mutur misjuq mill-appellant xorta ssib hafna nuqqasijiet li jridu jigu indirizzati. Mistoqsi jekk huwa uzax l-indicator, l-appellant wiegeb illi ma kienx hemm ghalfejn. Ma hemmx dubbju illi f'din il-verzjoni l-appellant wera nuqqas ta' "proper look out". Din il-Qorti tosserva illi l-vettura tal-appellant hija munita ukoll b'"wing mirror" in-naha tax-xellug. Kwindi, jekk l-appellant ried ibiddel id-direzzjoni tieghu

u jidhol fil-"parking bay" – manuvra li seta' liberament jaghmel – messu mhux biss hares lejn il-mera tan-nofs imma kellu wkoll jixghel l-indicator biex javza lil ta' warajh illi se jbiddel direzzjoni u jhares ukoll lejn il-mera tax-xellug biex jassigura illi ma jkun hemm hadd fuq in-naha tax-xellug tieghu illi jista' jostakola. Minn dan kollu l-appellant jghid illi huwa hares biss lejn il-mera tan-nofs imbaghad gibed mal-ewwel lejn ix-xellug. Ovvjament dan mhuwiex agir ta' sewqan galbat. Hemm nuqqasijiet kbar da parti tal-appellant b'din il-manuvra kif din il-Qorti digà uriet illi dan in-nuqqas ta' "proper look out" tal-appellant kien il-fattur kontributorju ta' dan l-incident. Imkien ma rrizulta illi l-parti leza John Pisani kien qieghed jaqbez lill-appellant fuq in-naha tax-xellug tieghu. Izda anke jekk kien hekk l-appellant kien f'pozizzjoni illi jara lil dan il-mutur fuq ix-xellug tieghu u jiehu l-mizuri necessarji sabiex ma jbiddilx il-pozizzjoni tieghu sakemm il-mutur ikun ghadu f'dik il-pozizzjoni. Izda minn dan kollu l-appellant ma ghamel xejn hlief li hares lejn il-mera tan-nofs. Bir-rispett dan ma kienx bizzejjed. Sewwieq irid ikun konxju ta' dak kollu li qed jigri madwaru – quddiemu, wara, fuq il-lemin u fuq ix-xellug – u ma jistax jaghmel manuvri illi jkunu ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq fuq liema naha jkunu. F'dan il-kaz l-appellant kellu kull mezz sabiex ikun jaf x'qieghed jigri madwaru. Il-karozza kienet munita bi tlett mirja fejn seta' jkopri d-distanzi u l-pozizzjonijiet kollha. Ghalhekk kien negligenza tal-appellant illi huwa ma uzax dawn il-mezzi u minn tlett mirja uza wahda biss u qabad u biddel id-direzzjoni minghajr ma indenja ruhu jixghel indicator u javza lil ta' warajh illi kien se jbiddel id-direzzjoni. L-appellant jghid illi ma kellux ghalfejn juza l-indicator. Dan assolutament mhuwiex minnu u jkompli jaggrava s-sitwazzjoni tieghu. Indicator irid jintuza kull darba illi sewwieq ikun ser ibiddel id-direzzjoni biex javza lil ta' warajh l-intenzjonijiet tieghu, u m'ghandux ibiddel din id-direzzjoni qabel ma jkun cert illi ta' warajh jew ta' magenbu jkunu fehmu l-intenzjonijiet tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti li l-incident stradali meritu ta' din il-kawza sehh ghaliex filwaqt li l-parti leza, Pisani, kien qieghed isuq fuq il-karregjata tieghu, l-appellant gie minn warajh minn fuq il-lemin bil-konsegwenza li gara li gara.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-pricipju regolatur hu li mhux normali illi dak li jirrigwarda l-piena, id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata jekk il-piena tkun fil-parametri tal-ligi. Irrizulta illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti qieghda fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------